# Tridu tal-Għid
# u Żmien il-Għid

*Minħabba fina Kristu obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib.*
*Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem.*
Fil 2, 8-9



*Il-Kruċifissjoni*
**Anton Inglott** (1915-1945)
Knisja Griega Kattolika, Valletta

**Ħamis ix-Xirka**

# Tifkira Solenni ta’ l-Ikla tal-Mulej

## Qari I

*Preċetti dwar l-ikla tal-Għid.*

Eż 12, 1-8.11-14

**Qari mill-Ktieb ta’ l-Eżodu**

1 Il-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron fl-art ta’ l-Eġittu, u qalilhom:
2 «Dan ix-xahar ikun għalikom l-ewwel fost ix-xhur, ikunilkom
l-ewwel xahar tas-sena. 3 Kellem lill-ġemgħa kollha ta’ Iżrael, u
għidilhom: “Fl-għaxra ta’ dan ix-xahar kull wieħed minnkom jieħu
ħaruf kull familja, wieħed kull dar. 4 Jekk il-familja tkun żgħira wisq
biex tikluh kollu, wieħed jieħu l-ħaruf flimkien mal-ġar tiegħu,
l-eqreb lejn daru, skond in-numru tan-nies; skond kemm kull wieħed
jiflaħ jiekol, hekk tqisuh il-ħaruf.

5 Il-ħaruf ikun bla difett, raġel, ta’ dik is-sena. Tistgħu tieħdu
min-nagħaġ jew mill-mogħoż. 6 Intom iżżommuh sa l-erbatax ta’
dax-xahar, meta l-ġemgħa kollha ta’ dar Iżrael toqtlu bejn inżul
ix-xemx u d-dlam. 7 Imbagħad jieħdu mid-demm tiegħu, u jroxxuh
fuq il-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar fejn ikunu se jikluh. 8 F’dik
il-lejla għandhom jieklu l-laħam mixwi, b’ħobż bla ħmira, u b’ħaxix
morr. 11 U tikluh hekk: qaddejkom imħażżma, bil-qorq f’riġlejkom u
l-ħatar f’idejkom; u tikluh bl-għaġla. Din hi l-mogħdija tal-Mulej!

12 Għax dak il-lejl jiena ngħaddi mill-art ta’ l-Eġittu u nidrob lil
kull min hu l-ewwel fost l-imwelldin fl-art ta’ l-Eġittu, bnedmin u
bhejjem, u nagħmel ħaqq mill-allat kollha ta’ l-Eġittu: Jien, Jaħweh!

13Id-demm ikun bħala sinjal tagħkom fuq id-djar fejn tkunu, u jien
xħin nara d-demm nibqa' għaddej, u ebda marda ma tiġi teqridkom
meta jien nidrob l-art ta' l-Eġittu. 14Dak il-jum ikun għalikom jum
ta' tifkira, u intom tħarsuh bħala festa tal-Mulej; iżżommu din
l-osservanza bħala liġi għaż-żminijiet kollha li ġejjin."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 115 (116), 12-13.15-16bc.17-18

R/. Il-kalċi mbierek huwa xirka mad-demm ta' Kristu

12Xi nrodd lill-Mulej
għall-ġid kollu li għamel miegħi?
13Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni,
u isem il-Mulej insejjaħ. R/.

15Għażiża f'għajnejn il-Mulej
hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.
16Jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek.
Int ħallejtli l-irbit tiegħi. R/.

17Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr,
u isem il-Mulej insejjaħ.
18Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi,
quddiem il-poplu tiegħu kollu. R/.

# Qari II

***Kull meta tieklu u tixorbu, ixxandru l-mewt tal-Mulej.***

1 Kor 11, 23-26

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti: [23]Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom,
jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż [24]u wara li
radd il-ħajr qasmu u qal: «Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu
dan b'tifkira tiegħi.»

[25]Hekk ukoll għamel bil-kalċi, wara li kiel, qal: «Dan il-kalċi hu l-patt
il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi.»

[26]Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom
ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 13, 34

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Nagħtikom kmandament ġdid,
jgħid il-Mulej:
li tħobbu lil xulxin, bħalma ħabbejtkom jien.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***Ħabbhom għall-aħħar.***

Ġw 13, 1-15

## Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

1 Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu
biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb
lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar. 2 Kienu qegħdin
għall-ikel. Ix-Xitan kien ġa webbel lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota
u daħħallu f'rasu li jittradih. 3 Ġesù kien jaf li l-Missier tah kollox
f'idejh, u li hu kien ġie mingħand Alla u kien sejjer għand Alla. 4 Qam
minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu
ma' qaddu. 5 Imbagħad ferra' l-ilma fil-lenbija, u beda jaħsel saqajn
id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu.

6 Mela wasal fuq Xmun Pietru, u dan qallu: «Int, Mulej, taħsilli
saqajja?» 7 Ġesù wieġbu: «Int għalissa ma tafx x'qiegħed nagħmel
jien; tifhmu aktar 'il quddiem.» 8 Qallu Pietru: «Ma jkun qatt li inti
taħsilli saqajja!» Wieġbu Ġesù: «Jekk ma naħsillekx saqajk, ma
jkollokx x'taqsam miegħi.» 9 Qallu Xmun Pietru: «Mulej, mhux
saqajja biss, imma idejja u rasi wkoll.» 10 Qallu Ġesù: «Min hu maħsul,
ma għandux għalfejn jinħasel kollu, ħlief saqajh, għax hu kollu kemm
hu nadif, u intom indaf, imma mhux ilkoll.» 11 Għax hu kien jaf min
kien sejjer jittradih; għalhekk qal, «M'intomx ilkoll indaf.»

12 Wara li ħaslilhom saqajhom, libes il-mantar u raġa' qagħad fuq
il-mejda; u qalilhom: «Tafu x'għamiltilkom? 13 Intom issejħuli
l-Imgħallem u l-Mulej, u tgħidu sewwa, għax hekk jien. 14 Mela jekk
jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem ħsiltilkom saqajkom, hekk intom
għandkom taħslu saqajn xulxin. 15 Għax jien tajtkom eżempju, biex kif
għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu

**Il-Ġimgħa l-Kbira**

# Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej

## Qari I

*Kien miġruħ minħabba fi dnubietna.*

Is 52, 13 – 53, 12

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

52,13 Araw! Il-qaddej tiegħi jsib ir-riżq,
jintrefa', jogħla u jkun 'il fuq minn kulħadd.
14 Bħalma ħafna ndiehxu minnu,
- għax wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem,
u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem -
15 hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih.
Quddiemu s-slaten jagħlqu ħalqhom,
għax għad jaraw ġrajja li qatt ma ssemmiet,
u jifhmu dak li qatt ma semgħu bih.

53,1 Min kien jemmen dak li smajna,
u f'min intwera driegħ il-Mulej?
2 Bħal xitla kiber quddiemna,
u bħal għerq minn art niexfa.
Ebda sura ma kellu,
u ebda ġmiel biex inħarsu lejh,
jew xi sura biex nitgħaxxqu bih.
3 Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin,
bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard,

bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu,
bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh.
4Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna,
tgħabba bin-niket tagħna.

Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat,
mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn.
5Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna,
misħuq minħabba fi ħżunitna.
Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu,
u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna.
6Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa,
kull wieħed minna qabad triq għal rasu.
U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll.
7Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu;
bħal ħaruf meħud għall-qatla,
u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha,
ma fetaħx fommu.

8Bil-forza u l-ħaqq neħħewh;
u min qagħad jaħseb fuq xortih?
Iva, qaċċtuh mill-art tal-ħajjin,
minħabba fi dnub il-poplu tiegħi kien midrub.
9U tawh qabar mal-ħżiena,
u ma' l-għonja difnuh,
għalkemm ma għamel ebda deni,
u minn fommu ma ħareġ ebda qerq.
10Iżda l-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard.
Talli joffri ruħu b'sagrifiċċju ta' riparazzjoni,
huwa għad jara nisel u jtawwal jiemu;
u r-rieda tal-Mulej isseħħ bih.

11 Wara t-tbatija tiegħu għad jara d-dawl,
jixba' bit-tagħrif tiegħu.
Il-Ġust jiġġustifika lill-qaddej tiegħu quddiem il-kotra,
u l-ħażen tagħhom jitgħabba bih hu.

12 Għalhekk nagħtih il-kotra b'sehmu,
u jkollu sehem fil-priża mal-qalbenin,
għaliex hu offra ruħu għall-mewt,
u kien magħdud mal-midinbin.
Hu li neħħa l-ħtijiet tal-kotra,
u ndaħal għall-midinbin.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 30 (31), 2.6.12-13.15-16.17. 25

R/. (Lq 23, 46): Missier, nerħi ruħi f'idejk

2 Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax nirgħex.
Fil-ġustizzja tiegħek salvani.
6 F'idejk jien nerħi ruħi;
int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. R/.

12 Minħabba l-għedewwa tiegħi kollha,
jien sirt ħaġa ta' min ikasbarha;
jitwerwru l-ġirien tiegħi,
u min jafni jibża' minni.
Dawk li jarawni barra jaħarbu minni.
13 Insewni bħal wieħed mejjet,
sirt bħal ġarra mkissra. R/.

15 Imma jien fik nittama, Mulej;
jien ngħidlek: «Alla tiegħi int!
16 F'idejk hi xortija.»
Eħlisni minn id l-għedewwa,
minn id dawk li jeħduha kontrija. R/.

17 Uri d-dawl ta' wiċċek lill-qaddej tiegħek;
fit-tjieba tiegħek eħlisni.
25 Issaħħu u qawwu qalbkom,
intom ilkoll li tittamaw fil-Mulej. R/.

## Qari II

***Kristu, awtur tas-salvazzjoni għal kulħadd.***

Lhud 4, 14-16; 5, 7-9

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

Ħuti, [4,14]meta aħna għandna l-qassis il-kbir, li hu tassew kbir, qassis li
daħal fis-smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna
u nistqarruha. [15]Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax
jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab
bħalna f'kollox, minbarra d-dnub.

[16]Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex
naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu.

[5,7]Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen
għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien
mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. [8]Għad li kien Iben,
tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. [9]U, billi laħaq
il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min
jisma' minnu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Fil 2, 8-9

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Minħabba fina Kristu obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.
Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet,
u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

*Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.*

Ġw 18, 1 - 19, 42

**✠ Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu skond San Ġwann**

K [18,1]F'dak iż-żmien, Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam
għan-naħa l-oħra tal-Wied ta' Kedron; hemmhekk kien hemm
ġnien, u daħal fih mad-dixxipli tiegħu. [2]Ġuda, dak li ttradieh,
kien jafu l-post, għax Ġesù kien sikwit jinġabar hemm
mad-dixxipli tiegħu. [3]Ġuda ħa ġemgħa suldati u xi għases
mingħand il-qassisin il-kbar u l-Fariżej, u mar bihom
hemmhekk, bil-fanali, torċi u armi. [4]Ġesù, li kien jaf b'kull
ma kien ġej fuqu, mar fuqhom u qalilhom:

✠ «Lil min qegħdin tfittxu?»

K [5]Huma weġbuh:

S «Lil Ġesù ta' Nażaret.»

K U hu qalilhom:

✠ «Jiena hu.»

K Ġuda, dak li ttradieh, kien hemm magħhom huwa wkoll. [6]Kif
Ġesù qalilhom: «Jiena hu,» huma resqu lura u waqgħu ma' l-art.

✠ [7]«Lil min qegħdin tfittxu?»

K Raġa' staqsiehom. U huma qalulu:

S «Lil Ġesù ta' Nażaret.»

K [8]Ġesù weġibhom:

✠ «Għedtilkom li jiena hu. Jekk qegħdin tfittxu lili, ħallu lil dawn
imorru.»

K [9]Dan sar biex iseħħ dak li Ġesù kien qal: «Minn dawk li tajtni,
anqas wieħed biss ma tlift.» [10]Xmun Pietru kellu sejf, siltu, u
darab lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu barra widintu
l-leminija. Dan il-qaddej kien jismu Malku. [11]Imma Ġesù qal
lil Pietru:

✠ «Erġa' daħħal is-sejf fl-għant tiegħu. Forsi l-kalċi li tani Missieri
ma nixorbux?»

K [12]Imbagħad is-suldati u l-kaptan tagħhom flimkien ma' l-għases
tal-Lhud, qabdu lil Ġesù u rabtuh. [13]L-ewwel ħaduh għand
Anna, billi dan kien missier il-mara ta' Kajfa, il-qassis il-kbir
f'dik is-sena. [14]Kajfa kien dak li ta parir lil-Lhud: «Ikun jaqbel li
bniedem wieħed imut għall-poplu.»

[15]Xmun Pietru u dixxiplu ieħor marru wara Ġesù. Dan
id-dixxiplu kien midħla tal-qassis il-kbir, u għalhekk daħal
fil-bitħa tal-qassis il-kbir flimkien ma' Ġesù. [16]Imma Pietru baqa'
barra ħdejn il-bieb. Imbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien midħla
tal-qassis il-kbir, ħareġ ikellem lill-purtinara, u daħħal lil Pietru
ġewwa. [17]Il-qaddejja li kienet mal-bieb qalet lil Pietru:

S «Int m'intix ukoll wieħed mid-dixxipli ta' dan ir-raġel?»

K Hu weġibha:

S «Le, m'iniex.»

K [18]Il-qaddejja u l-għases kienu kebbsu n-nar mill-faħam, għax kien il-bard, u qagħdu hemm għas-sħana. U Pietru wkoll qagħad magħhom għas-sħana.

[19]Il-qassis il-kbir staqsa lil Ġesù fuq id-dixxipli u t-tagħlim tiegħu. [20]Ġesù wieġbu:

✠ «Jiena tkellimt fil-beraħ, quddiem kulħadd. Għallimt dejjem fis-sinagoga u fit-tempju fejn jinġabru l-Lhud kollha, u bil-moħbi ma għedt xejn. [21]Għalfejn qiegħed tistaqsi lili? Staqsi lil dawk li semgħuni, x'għedtilhom. Huma jafu x'għedt.»

K [22]Kif qal hekk, wieħed mill-għases li kien ħdejh ta daqqa ta' ħarta lil Ġesù u qallu:

S «Hekk twieġbu lill-qassis il-kbir?»

K [23]Ġesù qallu:

✠ «Jekk jien għedt xi ħaġa m'hix sewwa, urini fejn; imma jekk għedt is-sewwa, għaliex terfa' idejk fuqi?»

K [24]Imbagħad Anna bagħat lil Ġesù marbut għand Kajfa, il-qassis il-kbir.

[25]Xmun Pietru mela kien qiegħed hemm għas-sħana; u qalulu:

S «Int m'intix ukoll wieħed mid-dixxipli tiegħu?»

K Imma hu ċaħad u qal:

S «Le m'iniex.»

K [26]Wieħed mill-qaddejja tal-qassis il-kbir, li kien jiġi minn dak ir-raġel li Pietru kien qatagħlu widintu, qal:

S «Mela jiena ma rajtekx miegħu fil-ġnien?»

K [27]Pietru ċaħad għal darb'oħra; u minnufih idden is-serduk.

[28]Imbagħad ħadu lil Ġesù mingħand Kajfa għall-Pretorju. Kien filgħodu kmieni. Huma ma daħlux fil-Pretorju, għax ma ridux jitniġġsu, biex ikunu jistgħu jagħmlu l-ikla tal-Għid. [29]Pilatu
ħareġ barra ħdejhom u qalilhom:

S «X'akkuża għandkom kontra dan ir-raġel?»

K [30]U huma weġbuh:

S «Li kieku dan ma kienx raġel ħażin aħna ma konniex nagħtuh f'idejk.»

K [31]Pilatu qalilhom:

S «Ħuduh intom, u ġġudikawh intom skond il-liġi tagħkom.»

K Imma l-Lhud qalulu:

S «Aħna ma għandna setgħa noqtlu lil ħadd.»

K [32]Dan ġara biex iseħħ dak li Ġesù kien qal meta fisser kif kellu jmut. [33]Pilatu raġa' daħal fil-Pretorju, sejjaħ lil Ġesù u qallu:

S «Inti s-sultan tal-Lhud?»

K [34]Ġesù wieġeb:

✠ «Dan qiegħed tgħidu int minn moħħok? Jew kienu oħrajn li qalulek dan fuqi?»

K [35]Pilatu wieġeb:

S «Mela jiena Lhudi? Kien il-poplu tiegħek u l-qassisin il-kbar li tawk f'idejja. X'għamilt?»

K [36]Ġesù wieġeb:

✠ «Is-saltna tiegħi m'hijiex ta' din id-dinja. Li kieku saltnati kienet ta' din id-dinja, l-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud; imma tabilħaqq saltnati m'hijiex ta' hawn.»

K [37]Pilatu qallu:

S «Mela int sultan?»

K U Ġesù wieġeb:

✠ «Int qiegħed tgħidu; jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità. U kull min iħobb il-verità jisma' leħni.»

K [38]Pilatu qallu:

S «U l-verità x'inhi?»

K Kif qal dan, raġa' ħareġ quddiem il-Lhud u qalilhom:

S «Jiena ma nsib ebda ħtija fih. [39]Issa intom għandkom id-drawwa li neħilsilkom wieħed fil-Għid. Tridunix neħilsilkom lis-sultan tal-Lhud?»

K [40]Hawn huma mill-ġdid bdew jgħajtu u jgħidu:

S «Mhux lil dan, imma lil Barabba.»

K Dan Barabba kien brigant.

[19,1]Imbagħad Pilatu ordna li jieħdu lil Ġesù u jagħtuh is-swat. [2]Is-suldati nisġu kuruna tax-xewk u qegħduhielu fuq rasu, u libbsuh mantar aħmar skur. [3]U bdew ġejjin quddiemu u jgħidulu:

S «Is-sliem għalik, ja sultan tal-Lhud!»

K U bdew jagħtuh bil-ħarta. [4]Għal darb'oħra Pilatu ħareġ barra jgħidilhom:

S «Araw, se nġibhulkom quddiemkom hawn barra, biex tkunu tafu li jiena ma nsib ebda ħtija fih.»

K [5]U Ġesù ħareġ hemm barra, liebes il-kuruna tax-xewk u l-mantar aħmar; u Pilatu qalilhom:

S «Arawh, hawn hu l-bniedem!»

K [6]X'ħin rawh, il-qassisin il-kbar u l-għases bdew jgħajtu u jgħidu:

S «Sallbu! Sallbu!»

K Pilatu qalilhom:

S «Ħuduh u sallbuh intom; jien ma nsib ebda ħtija fih.»

K [7]Il-Lhud weġbuh:

S «Aħna għandna liġi, u skond din il-liġi għandu jmut, għax għamel lilu nnifsu Bin Alla.»

K [8]Meta sama' dan, Pilatu aktar beża'. [9]Raġa' daħal fil-Pretorju u qal lil Ġesù:

S «Int mnejn int?»

K Imma Ġesù ma wieġbu xejn. [10]Għalhekk Pilatu qallu:

S «Lili ma tkellimx? Ma tafx li jiena għandi s-setgħa neħilsek u għandi s-setgħa nsallbek?»

K [11]Ġesù wieġbu:

✠ «Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi kieku ma ġietx mogħtija lilek minn fuq; għalhekk min ta lili f'idejk għandu ħtija akbar.»

K [12]Minn dak il-ħin 'il quddiem Pilatu beda jfittex kif jeħilsu; imma l-Lhud issuktaw jgħajtu u jgħidu:

S «Jekk teħles lil dan, tiksirha ma' Ċesari, għax kull min jagħmel lilu nnisfu sultan ikun qiegħed jeħodha kontra Ċesari.»

K [13]Meta semagħhom jgħidu dan, Pilatu ġieb lil Ġesù barra u qiegħdu fuq sedja għolja, fil-post imsejjaħ Litòstrotos, bil-Lhudi Gabbatà. [14]Kien Jum it-Tħejjija tal-Għid, għall-ħabta tas-sitt siegħa. Pilatu qal lil-Lhud:

S «Arawh is-sultan tagħkom!»

K [15]Dawk infexxew jgħajtu:

S «Għall-mewt! Għall-mewt! Sallbu!»

K Pilatu qalilhom:

S «Jien se nsallab lis-sultan tagħkom?»

K Imma l-qassisin il-kbar weġbuh:

S «Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!»

K [16]Fl-aħħar tahulhom f'idejhom biex isallbuh.

U huma ħadu lil Ġesù. [17]Ġesù rafa' s-salib u ħareġ lejn il-post imsejjaħ il-Qorriegħa, bil-Lhudi Golgota. [18]Hemm huma sallbuh ma' tnejn oħra, wieħed kull naħa, u Ġesù fin-nofs. [19]Pilatu għamel kitba u waħħalha fuq is-salib; fiha kien hemm miktub, «Ġesù ta' Nażaret, is-sultan tal-Lhud.» [20]Din il-kitba qrawha ħafna Lhud, għax il-post fejn sallbu lil Ġesù kien qrib il-belt, u l-kitba kienet bil-Lhudi, bil-Latin u bil-Grieg. [21]Għalhekk il-qassisin il-kbar tal-Lhud marru jgħidu lil Pilatu:

S «Ma kienx imissek tikteb: "Is-sultan tal-Lhud," imma: "Dan qal: Jiena sultan tal-Lhud."»

K [22]Pilatu wieġeb:

S «Issa li ktibt ktibt!»

K [23]Wara li sallbu lil Ġesù, is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u
qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu
wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda
minn fuq s'isfel. [24]Ftiehmu bejniethom u qalu:

S «Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha.»

K Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: "Ħwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti." U dan tabilħaqq għamluh is-suldati.

[25]Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu,
Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. [26]Mela kif Ġesù lemaħ
lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil
ommu:

✠ «Mara, hawn hu ibnek.»

K [27]Imbagħad qal lid-dixxiplu:

✠ «Hawn hi ommok.»

K U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

[28]Wara dan, Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal:

✠ «Għandi l-għatx!»

K [29]Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża
bil-ħall, waħħluha ma' qasba ta' l-issopu, u ressquhielu lejn
ħalqu. [30]Kif Ġesù ħa l-ħall, qal:

✠ «Kollox hu mitmum!»

K Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.

*Kulħadd jinżel għarkubbtejh u jinżamm is-skiet għal ftit ħin.*

K [31]Billi kien Jum it-Tħejjija tal-Għid, il-Lhud ma ridux li f'jum
is-Sibt l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak is-Sibt kien
jum solenni għalihom. Talbu mela lil Pilatu biex jiksrulhom
riġlejhom u jneħħu l-iġsma. [32]Għalhekk ġew is-suldati u
kisru r-riġlejn ta' l-ewwel u tat-tieni wieħed li kienu msallbin
miegħu. [33]Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet,
ma kisrulux riġlejh. [34]Madankollu wieħed mis-suldati nifidlu
ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma. [35]Dan qiegħed
jixhdu min ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija minnha. Hu
jaf li qiegħed jgħid il-verità, biex intom ukoll temmnu. [36]Għax
dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: "Ebda waħda minn
għadmu ma jkissrulu." [37]U hemm ukoll kitba oħra fl-Iskrittura li
tgħid: "Huma għad iħarsu lejn min nifdu."

[38]Wara dan, Ġużeppi minn Arimatija, li kien dixxiplu ta' Ġesù
bil-moħbi għax kien jibża' mil-Lhud, mar u talab lil Pilatu biex
jieħu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu ħallieh, u hu ġie u ħa l-ġisem
tiegħu. [39]Ġie wkoll Nikodemu, dak li qabel kien mar għand
Ġesù bil-lejl, u ġieb miegħu taħlita ta' morr u sabbara, tiżen xi
mitt libbra. [40]Dawn it-tnejn ħadu l-ġisem ta' Ġesù u kebbewh
bil-faxex ta' l-għażel bil-fwejjaħ, kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel
id-difna. [41]Fejn kienu sallbu lil Ġesù kien hemm ġnien, u f'dan
il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu
lil ħadd. [42]Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija
għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# L-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet

**Solennità - Il-Velja fil-Lejl Qaddis tal-Għid**

## Qari I

*Alla ħares lejn kull ma għamel u ra li kollox kien sew ħafna.*

Ġen 1, 1 - 2, 2

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

[1]Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art: [2]u kienet l-art taħwid u baħħ; u
d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu
ta' Alla.

[3]U qal Alla: «Ħa jkun id-dawl.» U d-dawl sar. [4]U ra Alla d-dawl li
kien tajjeb. U Alla fired id-dawl mid-dlam. [5]U d-dawl Alla semmieh
jum, u d-dlam sejjaħlu lejl. U dalam u sebaħ - L-ewwel jum.

[6]U qal Alla: «Ħa jkun hemm medda f'nofs l-ilmijiet u tifred ilma
minn ilma.» [7]U Alla għamel il-medda u fired l-ilma ta' taħt il-medda
mill-ilma ta' fuq il-medda. U hekk sar. [8]U l-medda Alla semmieha
sema. U dalam u sebaħ - It-tieni jum.

[9]U qal Alla: «Ħa jinġemgħu naħa waħda l-ilmijiet ta' taħt is-sema u
jidher l-inxif.» U hekk sar. [10]U sejjaħ Alla l-inxif art; u l-ġemgħa ta'
l-ilma sejħilha baħar. U Alla ra li kollox kien tajjeb. [11]U qal Alla: «Ħa
tnibbet l-art il-ħaxix, ħaxix li jagħmel iż-żerriegħa, siġar li jagħmlu l-
frott biż-żerriegħa ġo fih skond għamliethom, fuq l-art.»

U hekk sar. [12]U nibbtet l-art il-ħaxix, ħaxix li jagħmel iż-żerriegħa
skond għamlietu u siġar jagħmlu l-frott biż-żerriegħa skond
għamlietu; u ra Alla li kien tajjeb. [13]U dalam u sebaħ - It-tielet jum.

[14]U qal Alla: «Ħa jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema biex jifirdu
l-jum mil-lejl, u jkunu sinjali għat-tqassim taż-żminijiet, tal-jiem u
tas-snin. [15]U jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema biex idawlu l-art.»
U hekk sar. [16]U għamel Alla ż-żewġ imnariet il-kbar; l-imnara
l-kbira biex trieġi l-jum, u l-imnara ż-żgħira biex trieġi l-lejl, u
l-kwiekeb. [17]U Alla qegħedhom fil-firxa tas-sema biex jiddu fuq
l-art, [18]u jrieġu l-jum u l-lejl u jifirdu d-dawl mid-dlam. U Alla ra li
kien tajjeb. [19]U dalam u sebaħ - Ir-raba' jum.

[20]U qal Alla: «Jiżgħed l-ilma b'kotra ta' ħlejjaq ħajjin u jittajru t-tjur
fuq l-art fil-wesgħa tas-smewwiet.» [21]U Alla ħalaq il-ħut il-kbir
u l-annimali kollha li jitkaxkru, li bihom miżgħud l-ilma, skond
ġenshom, u t-tajr bil-ġwienaħ skond ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb.
[22]U berikhom Alla u qalilhom: «Welldu u oktru, u imlew l-ilma ta'
l-ibħra; u joktor it-tajr fuq l-art.» [23]U dalam u sebaħ - Il-ħames jum.

[24]U qal Alla: «Ħa tnissel l-art ħlejjaq ħajja skond ġenshom: bhejjem
tad-dar, annimali li jitkaxkru, u bhejjem selvaġġi, skond ġenshom.»
U hekk sar. [25]U għamel Alla l-bhejjem selvaġġi skond ġenshom, u
l-bhejjem tad-dar skond ġenshom, u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq
l-art skond ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb.

[26]U qal Alla: «Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna,
u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tajr ta' l-ajru, fuq il-bhejjem
tad-dar u fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq
l-art.»

[27]U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu,
fuq xbihat Alla ħalqu:
raġel u mara ħalaqhom.

[28]U berikhom Alla u qalilhom:
«Nisslu u oktru,
u imlew l-art, u aħkmuha;
u saltnu fuq il-ħut tal-baħar
u t-tajr ta' l-ajru
u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art.»

[29]U qal Alla: «Araw, jien tajtkom il-ħaxix kollu, li jagħmel iż-żerriegħa
fuq wiċċ l-art, u s-siġar kollha li jagħmlu l-frott biż-żerriegħa: dawn
kollha jkunu għall-għajxien tagħkom. [30]U lill-bhejjem kollha selvaġġi
u t-tajr kollu ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fl-art li fihom nifs
il-ħajja, nagħtihom il-ħaxix kollu aħdar għall-għajxien tagħhom.» U
hekk sar. [31]U ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u, ara, kollox kien
tajjeb ħafna. U dalam u sebaħ - Is-sitt jum.

[2,1]U hekk tlestew is-sema u l-art bit-tagħmir kollu tagħhom.
[2]U fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel,
u waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

## Qari I

***Alla ħares lejn kull ma għamel u ra li kollox kien sew ħafna.***

Ġen 1, 1.26-31a

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

1 Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art. 26 U qal Alla: «Ħa nagħmlu
l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut
tal-baħar u fuq it-tajr ta' l-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u fuq il-bhejjem
selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art.»

27 U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu,
fuq xbihat Alla ħalqu,
raġel u mara ħalaqhom.
28 U berikhom Alla u qalilhom:
«Nisslu u oktru,
u imlew l-art, u aħkmuha;
u saltnu fuq il-ħut tal-baħar
u t-tajr ta' l-ajru
u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art.»

29 U qal Alla: «Araw, jien tajtkom il-ħaxix kollu, li jagħmel iż-żerriegħa
fuq wiċċ l-art, u s-siġar kollha li jagħmlu l-frott biż-żerriegħa: dawn
kollha jkunu għall-għajxien tagħkom. 30 U lill-bhejjem kollha selvaġġi
u t-tajr kollu ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fl-art li fihom nifs
il-ħajja, nagħtihom il-ħaxix kollu aħdar għall-għajxien tagħhom.» U
hekk sar. 31 U ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u, ara, kollox kien
tajjeb ħafna.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 103 (104), 1-2a.5-6.10.12.13-14.24.35ċ

R/. (ara 30): Ġedded il-wiċċ ta' l-art, Mulej

1 Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta!
Bis-sebħ u bil-ġmiel inti mlibbes,
2 bid-dawl, bħal b'mantell, inti mkebbeb. R/.

5 Int waqqaft l-art fuq is-sisien tagħha,
b'mod li qatt ma titħarrek;
6 bl-ibħra, bħal b'libsa, inti ksejtha;
u l-ilmijiet waqfu fuq qċaċet l-għoljiet. R/.

10 L-għejun tifthilhom għal ġol-widien,
u huma jiġru qalb l-għoljiet.
12 Ħdejhom jgħammru l-għasafar ta' l-ajru,
minn qalb il-friegħi jsemmgħu l-għana tagħhom. R/.

13 Inti ssaqqi l-muntanji mill-imħażen għolja tiegħek,
u tixba' l-art bil-frott ta' għemilek.
14 Inti tnibbet il-ħdura għall-bhejjem,
u l-ħxejjex li bihom jinqeda l-bniedem. R/.

24 Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Kollha bl-għerf għamilthom;
Mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek.
35 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej. R/.

*Jew*

## Salm Responsorjali

Salm 32 (33), 4-5.6-7.12-13.20.22

R/. (5b): Bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art

4 Sewwa hi l-kelma tal-Mulej,
kollox bil-fedeltà huwa għamel.
5 Hu jħobb id-dritt u s-sewwa;
bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. R/.

6 Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet,
u b'nifs fommu t-tiżjin kollu tagħhom.
7 Bħal f'ġarra l-ilmijiet ġabar,
u l-ibħra l-kbar fi mħażen. R/.

12 Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu,
il-poplu li hu għażel b'wirtu.
13 Mill-għoli tas-smewwiet iħares il-Mulej,
u jara l-bnedmin kollha. R/.

20 Ruħna tixxennaq għall-Mulej,
hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.
22 Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna,
kif fik hi t-tama tagħna. R/.

# Qari II

*Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham.*

Ġen 22,1-18

## Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi

1F'dak iż-żmien, Alla ried iġarrab lil Abraham u qallu: «Abraham!»
U hu wieġbu: «Hawn jien!» 2U qallu: «Aqbad lil ibnek il-waħdieni,
li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih
b'sagrifiċċju tal-ħruq fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek.»

3U Abraham bakkar mas-sebħ, xedd il-ħmar tiegħu, ħa tnejn
mill-qaddejja tiegħu, u lil Iżakk. Qatta' l-ħatab għas-sagrifiċċju
tal-ħruq, u qam, u telaq lejn il-post li qallu bih Alla. 4Fit-tielet
jum Abraham rafa' għajnejh, u lemaħ il-post mill-bogħod. 5U
Abraham qal lill-qaddejja tiegħu: «Oqogħdu hawn bil-ħmar, u jien
u ż-żagħżugħ immorru sa hemm, u nagħtu qima u nerġgħu lura
ħdejkom.» 6U Abraham qabad il-ħatab għas-sagrifiċċju, għabbieh fuq
Iżakk ibnu, ħa f'idejh in-nar u s-sikkina, u telqu t-tnejn flimkien.

7U Iżakk qal lil Abraham missieru: «Missier!» Dak wieġbu: «Hawn
jien, ibni.» U Iżakk qallu: «Hawn huma n-nar u l-ħatab, fejn hu
l-ħaruf għas-sagrifiċċju tal-ħruq?» 8U Abraham wieġbu: «Alla jaħseb
hu għall-ħaruf għas-sagrifiċċju, ibni.» U baqgħu sejrin it-tnejn
flimkien. 9U waslu fil-post li kien semmielu Alla; u hemm Abraham
bena l-artal u firex il-ħatab fuqu, u rabat lil ibnu Iżakk u qiegħdu fuq
l-artal, fuq il-ħatab. 10U Abraham medd idu u qabad is-sikkina biex
joqtol lil ibnu.

[11]U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej mis-smewwiet u qallu: «Abraham,
Abraham!» U dan wieġbu: «Hawn jien.» U qallu: [12]«La tmiddx idek
fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża'
minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni.»

[13]U Abraham rafa' għajnejh, ta ħarsa madwaru, u ra muntun warajh
maqbud minn qrunu fil-friegħi. U Abraham mar u qabad il-muntun,
u offrieh b'sagrifiċċju tal-ħruq minflok ibnu.

[14]U Abraham semma dak il-post: «Jaħweh-jire – jiġifieri – il-Mulej
jipprovdi,» kif għadu jingħad sa llum: «Fuq il-muntanja Jaħweh-jire,
il-Mulej jipprovdi.»

[15]U għat-tieni darba l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham
mis-smewwiet [16]u qallu: «Naħlef fuq ruħi - oraklu tal-Mulej
– la darba int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek
il-waħdieni, [17]jien imbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek
bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad
jiret il-bibien ta' l-għedewwa tiegħu. [18]U jitbierku b'nislek il-ġnus
kollha ta' l-art talli smajt minn kelmti.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

# Qari II

***Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham.***

Ġen 22, 1-2.9a.10-13.15-18

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

1F'dak iż-żmien, Alla ried iġarrab lil Abraham u qallu: «Abraham!»
U hu wieġbu: «Hawn jien!» 2U qallu: «Aqbad lil ibnek il-waħdieni,
li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih
b'sagrifiċċju tal-ħruq fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek.»

9U waslu fil-post li kien semmielu Alla; u hemm Abraham bena
l-artal u firex il-ħatab fuqu. 10U Abraham medd idu u qabad
is-sikkina biex joqtol lil ibnu. 11U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej
mis-smewwiet u qallu: «Abraham, Abraham!» U dan wieġbu:
«Hawn jien.» U qallu: 12«La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u
tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma
ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni.»

13U Abraham rafa' għajnejh, ta ħarsa madwaru, u ra muntun warajh
maqbud minn qrunu fil-friegħi. U Abraham mar u qabad il-muntun,
u offrieh b'sagrifiċċju tal-ħruq minflok ibnu.

15U għat-tieni darba l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham
mis-smewwiet 16u qallu: «Naħlef fuq ruħi - oraklu tal-Mulej
– la darba int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek
il-waħdieni, 17jien imbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek
bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad
jiret il-bibien ta' l-għedewwa tiegħu. 18U jitbierku b'nislek il-ġnus
kollha ta' l-art talli smajt minn kelmti.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 15 (16), 5.8.9-10.11

R/. (1): Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn

5 Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi,
inti żżomm f'idejk xortija.
8 Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek. R/.

9 Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.
10 Għax int ma titlaqnix fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar. R/.

11 Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek. R/.

# Qari III

***Ulied Iżrael daħlu fl-inxief f'nofs il-baħar.***

Eż 14, 15 - 15,1

## Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu

F'dak iż-żmien, [15]il-Mulej qal lil Mosè: «Għax issejjaħ lili? Għid lil
ulied Iżrael jerfgħu t-tined tagħhom u jitilqu. [16]U int għolli l-ħatar
tiegħek, u midd idek fuq il-baħar u oforqu. Ulied Iżrael, imbagħad,
jaqsmu fin-niexef f'nofs il-baħar. [17]U ara, jiena nwebbes il-qalb ta'
l-Eġizzjani biex jgħaddu warajkom, u nuri l-glorja tiegħi permezz
tal-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu kollu, bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.
[18]U mbagħad ikunu jafu l-Eġizzjani li jiena l-Mulej, meta nuri l-glorja
tiegħi permezz tal-Fargħun, bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.»

[19]U mbagħad l-anġlu ta' Alla, li kien miexi quddiem it-tined ta' Iżrael,
telaq u mar warajhom, u l-kolonna ta' sħab minn quddiemhom
marret qagħdet warajhom, u ġiet bejn it-tined ta' l-Eġizzjani u t-tined
ta' Iżrael. [20]Kien hemm is-sħaba u d-dlam, u għadda l-lejl bla ma
ħadd minnhom seta' jersaq wieħed lejn l-ieħor.

[21]Mosè medd idu fuq il-baħar, u l-Mulej reġġa' lura l-baħar b'riħ
qawwi mil-Lvant matul il-lejl kollu; il-baħar ixxotta u l-ilmijiet
inferqu. [22]U mbagħad ulied Iżrael daħlu fin-niexef f'nofs il-baħar;
l-ilmijiet kienu għalihom qishom ħitan fuq il-lemin u fuq ix-xellug.
[23]L-Eġizzjani marru warajhom, u daħlu f'nofs il-baħar, iż-żwiemel
kollha tal-Fargħun, il-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.

[24]Fis-sahra ta' filgħodu, il-Mulej minn ġol-kolonna tan-nar u s-sħaba
xeħet ħarsa fuq it-tined ta' l-Eġizzjani, u ħarbathom. [25]U xekkel ir-
roti tagħhom u bit-tbatija setgħu jmexxuhom. U mbagħad l-Eġizzjani
bdew jgħajtu: «Ħa naħarbu minn quddiem Iżrael, għaliex il-Mulej
qiegħed jiġġieled kontra l-Eġizzjani!»

[26]Il-Mulej qal lil Mosè: «Midd idek fuq il-baħar, u l-ilma jerġa' lura
fuq l-Eġizzjani, bil-karrijiet u r-rikkieba tagħhom.» [27]U Mosè medd
idu fuq il-baħar. U ma' sbiħ il-jum il-baħar raġa' lura fejn kien qabel,
u l-Eġizzjani, huma u jaħarbu, sabu ruħhom fih. Hekk il-Mulej
gerbibhom f'nofs l-ilma. [28]L-ilmijiet reġgħu lura u għarrqu l-karrijiet
u r-rikkieba ta' l-eżerċtu kollu tal-Fargħun li kienu ġejjin warajhom
fil-baħar. Anqas wieħed ma baqa' minnhom. [29]U wlied Iżrael
għaddew fin-niexef f'nofs il-baħar, u l-ilmijiet kienu għalihom bħal
ħitan wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug.

[30]Dak in-nhar il-Mulej salva lil Iżrael minn id l-Eġizzjani, u Iżrael ra
l-Eġizzjani mejta fuq xatt il-baħar. [31]Ra Iżrael kull ma għamel il-Mulej
lill-Eġizzjani bil-qawwa ta' driegħu. U beża' l-poplu mill-Mulej, u
emmen fil-Mulej u f'Mosè, il-qaddej tiegħu.

[15, 1]Imbagħad Mosè, flimkien ma' wlied Iżrael, għanna din l-għanja
lill-Mulej, u qalu:

# Salm Responsorjali

Eż 15, 1-2.3-4.5-6.17-18

R/. (1a): Ngħanni lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ

1 «Ngħanni lill-Mulej, għax tkabbar bis-sħiħ.
Żwiemel u rikkieba waddabhom fil-baħar.
2 Qawwieti u għanjieti l-Mulej:
għalija sar is-salvazzjoni.
Dan hu Alla tiegħi, u lilu nfaħħar;
Alla ta' missieri, u lilu ngħolli! R/.

3 Il-Mulej gwerrier, Jaħweh ismu!
4 L-imriekeb tal-Fargħun u qawwietu tefagħhom fil-baħar;
l-aħjar fost il-gwerriera tiegħu
f'Baħar il-Qasab għarraqhom! R/.

5 Belagħhom l-irdum,
bħal ġebla niżlu fil-qiegħ.
6 Lemintek, Mulej, issebbħet fil-qawwa,
lemintek, Mulej, tfarrak il-għadu. R/.

17 Lill-poplu tiegħek int twasslu u tħawlu
fuq il-muntanja, il-wirt tiegħek,
l-imkien, Mulej, li int għamiltu għamartek;
il-maqdes, Sidi, li ħejjew idejk.
18 Il-Mulej isaltan għal dejjem ta' dejjem.» R/.

# Qari IV

***Bi mħabba ta' dejjem ħenn għalik il-Mulej.***

Is 54, 5-14

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

5 L-għarus tiegħek il-Ħallieq tiegħek,
Jaħweh ta' l-eżerċti jismu;
il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael,
Alla ta' l-art kollha jissejjaħ.

6 Iva, bħal mara mitluqa u mdejqa f'qalbha
sejjaħlek il-Mulej,
bħal mara mitluqa f'żgħożitha,
jgħid il-Mulej Alla tiegħek.
7 Għal ftit jien tlaqtek;
imma bi mħabba bla qjies jien nerġa' niġbrok.
8 Fis-saħna tal-korla ħbejt wiċċi għal ftit minnek;
bi mħabba ta' dejjem inħenn għalik,
jgħid il-Mulej, il-Feddej tiegħek.

9 Dan għalija bħal fi żmien Noè,
meta ħlift li l-ilma ma jerġax jgħarraq l-art.
Hekk naħlef issa li ma nisħonx aktar għalik,
u lanqas ma nċanfrek.
10 Jistgħu jitħarrku l-muntanji,
jitheżhżu l-għoljiet,
imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx,
u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżhiżx,
jgħid il-Mulej li jħenn għalik.

[11]Magħkusa, mħabbta mill-irwiefen, mara bla faraġ!
Jien inqiegħed il-ġebel tiegħek fl-ifjen tajn;
u l-pedamenti tiegħek biż-żaffir.
[12]Nagħmel l-amberżuni ta' swarek tar-rubini,
u bwiebek tal-karbunkli,
u d-dawra tas-swar tal-ħaġar prezzjuż.

[13]Uliedek ilkoll ikunu mgħallma mill-Mulej,
kbir għad ikun ġid uliedek.
[14]Fuq sies il-ġustizzja titwaqqaf,
'il bogħod mit-tagħkis,
għax ma għandekx mniex tibża';
u 'l bogħod mit-twerwir għax ma jersaqx lejk.
[15]Jekk jaħbtu għalik, ma jkunx minni;
min jaħbat għalik, jaqa' quddiemek.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 29 (30), 2.4.5-6.11.12a.13b

R/. (2a): Ngħollik, Mulej, għax erfajtni

2 Ngħollik, Mulej, għax erfajtni,
u ma ferraħtx l-għedewwa tiegħi bija.
4 Mulej, tellajtli mill-mewt lil ruħi,
ħlistni minn fost dawk li jinżlu fil-ħofra. R/.

5 Għannu lill-Mulej, ħbieb tiegħu,
faħħru l-isem imqaddes tiegħu.
6 Għax ftit iddum is-saħna tiegħu,
iżda għomor sħiħ l-imħabba tiegħu.
Filgħaxija jidħol il-biki,
filgħodu jidwi l-għajat ta' ferħ. R/.

11 Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija;
kun, Mulej, l-għajnuna tiegħi.
12 Int bdilt fi żfin l-għali tiegħi,
13 Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem! R/.

# Qari V

*Ersqu lejja, isimgħu u tieħdu r-ruħ.*

Is 55, 1-11

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Dan jgħid il-Mulej:
1«Intom li bikom l-għatx, ejjew għall-ilma;
intom ukoll li m'għandkomx flus.
Ejjew, ixtru u kulu b'xejn,
inbid u ħalib bla ħlas.
2Għaliex taħlu fluskom f'dak li m'huwiex ħobż,
u ġidkom f'dak li ma jxebbax?
Isimgħu minni, u tieklu tajjeb,
u ruħkom titpaxxa b'ikel bnin.

3Agħtuni widen u ersqu lejja,
isimgħu u tieħdu r-ruħ.
Nagħmel patt magħkom għal dejjem,
biex iseħħu l-favuri mwiegħda lil David.
4Ara, jien qegħedtu xhud fost il-ġnus,
prinċep u leġiżlatur fuq il-popli.

5Int ġens li ma tafx bih issejjaħ;
ġnus li ma jafukx jiġru lejk,
minħabba fil-Mulej, Alla tiegħek,
il-Qaddis ta' Iżrael,
għax lilek żejjen bil-ġieħ.

[6]Fittxu l-Mulej sakemm tistgħu ssibuh,
sejħulu sakemm hu fil-qrib!
[7]Ħa jħalli triqtu l-midneb,
u l-bniedem il-ħażin fehmietu;
ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih,
għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna.

[8]Il-fehmiet tiegħi m'humiex fehmietkom,
u t-triqat tiegħi m'humiex triqatkom.
Oraklu tal-Mulej.
[9]Għax daqs kemm huma ogħla
s-smewwiet mill-art,
daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom,
u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħkom.

[10]Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet,
u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art,
imma jġegħluha tnissel u tnibbet,
u tagħti ż-żerriegħa lil min jiżra' u l-ħobż lil min jiekol,
[11]hekk jiġri minn kelmti:
hija toħroġ minn fommi,
u ma terġax lura vojta,
imma tagħmel dak li jogħġob lili,
u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Is 12, 2-3.4bċd. 5-6

℟. (3): Kollkom ferħana, timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni

2 Ara, Alla s-salvazzjoni tiegħi,
jiena nittama u ma jkollix mniex nibża'.
3 Għax qawwieti u għanjieti hu l-Mulej,
għalija sar is-salvazzjoni. ℟.

Kollkom ferħana timlew l-ilma
mill-għejun tas-salvazzjoni.
4 Roddu ħajr lill-Mulej, sejħu ismu,
għarrfu lill-ġnus bl-għemejjel tiegħu,
xandru li ismu huwa fl-għoli. ℟.

5 Għannu lill-Mulej
għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf ma' l-art kollha.
6 Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael! ℟.

# Qari VI

*Imxi lejn id-dija tad-dawl tal-Mulej.*

Bar 3, 9-15.32 - 4,4

## Qari mill-Ktieb tal-Profeta Baruk

9 Isma', Iżrael, il-kmandamenti tal-ħajja,
agħtu widen, tgħallmu l-għerf!
10 Għala, Iżrael, għala tinsab f'art l-għedewwa tiegħek?
Għala qiegħed tixjieħ f'art barranija?
11 Għala int imniġġes mal-mejtin,
magħdud fost dawk li jinżlu f'Qiegħ l-Art?
12 Int twarrabt mill-għajn ta' l-għerf.
13 Li kieku mxejt fit-triq ta' Alla,
kont tkun tgħix fis-sliem għal dejjem!

14 Tgħallem fejn hemm l-għaqal,
fejn hemm il-qawwa, fejn hemm id-dehen,
biex f'ħin wieħed tagħraf fejn hemm
it-tul ta' l-għomor u t-tul tal-ħajja,
fejn hemm id-dawl għall-għajnejn u s-sliem.
15 Imma min kixef fejn jinsab l-għerf?
U min daħal fl-imħażen tiegħu?

32 Imma Dak li jaf kollox jaf fejn hu l-għerf,
għax sabu bid-dehen tiegħu.
Dak li ħejja l-art għal dejjem,
li mlieha bil-bhejjem li jimxu fl-art;
33 hu, li jibgħat id-dawl, u dan imur;
isejjaħlu, u jisma' minnu mriegħed;
34 jiddu l-kwiekeb għassiesa f'posthom, kollhom ferħana;
35 hu jsejħilhom, u huma jwieġbu: «Hawn aħna;»
jiddu ferħana għal dak li għamilhom.

[36]Dan hu Alla tagħna:
ħadd ma joqgħod ħdejh!
[37]Hu sab it-triq kollha ta' l-għerf,
u taħ lil Ġakobb, il-qaddej tiegħu,
u lil Iżrael, il-maħbub tiegħu.
[38]Imbagħad dan l-għerf deher fid-dinja
u għammar fost il-bnedmin.
[4,1]Hu ktieb il-kmandamenti ta' Alla,
hu l-Liġi li tibqa' għal dejjem;
kull min iħarsu jgħix,
dawk li jħalluh imutu.

[2]Erġa' lura, Ġakobb, u ilqa' l-għerf,
imxi lejn id-dija ta' dawlu;
[3]titlaqx il-glorja tiegħek lil ħaddieħor,
lanqas ġieħek lil ġens barrani.

[4]Hienja aħna, Iżrael,
għax dak li jogħġob lil Alla kien mgħarraf lilna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 18 (19), 8.9.10.11

R/. (Ġw 6, 68ċ): Mulej, inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem

8 Il-liġi tal-Mulej perfetta,
u tagħti l-ħajja;
ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa,
u tgħallem lil min ma jafx. R/.

9 Il-preċetti tal-Mulej dritti,
u jferrħu l-qalb;
il-kmandament tal-Mulej safi,
u jdawwal l-għajnejn. R/.

10 Il-biża' tal-Mulej sinċier,
u jibqa' għal dejjem;
il-ġudizzji tal-Mulej sewwa,
u mseddqa għal kollox. R/.

11 Egħżeż mid-deheb,
mid-deheb l-aktar fin,
oħla mill-għasel u mill-qtar tax-xehda. R/.

# Qari VII

*Inroxx fuqkom ilma safi, u nagħtikom qalb ġdida.*

Eżek 36, 16-17a.18-28

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel**

[16]Ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli: [17]«O bniedem, meta d-dar ta' Iżrael
kienu għadhom f'arthom, huma tebbgħuha bl-imġiba tagħhom u
b'għemilhom. [18]U jiena ferrajt qillti fuqhom minħabba fid-demm li
xerrdu fl-art u minħabba fl-idoli li bihom ċappsu l-art. [19]Xerridthom
fost il-ġnus, u huma xterdu ma' l-artijiet; għamilt ħaqq minnhom
skond imġibthom u skond triqathom. [20]Meta marru fost il-ġnus, kull
fejn marru, kasbru ismi l-qaddis, hekk li n-nies bdew jgħidu għalihom:
"Dan hu l-poplu tal-Mulej, li kellhom joħorġu minn artu!" [21]Imma jien
bżajt għal ismi l-qaddis li wlied Iżrael kasbru fost il-ġnus fejn marru.

[22]Għalhekk għidilhom lid-dar ta' Iżrael: "Dan jgħid Sidi l-Mulej: Mhux
minħabba fikom sejjer nagħmel dan, dar Iżrael, iżda minħabba f'ismi
l-qaddis li intom kasbartu fost il-ġnus fejn mortu. [23]Jien inqaddes ismi
l-kbir, imkasbar minnkom fost il-ġnus, li f'nofshom kasbartuh, u l-ġnus
ikunu jafu li jiena l-Mulej, meta nuri qdusiti fikom quddiem għajnejhom
– oraklu ta' Sidi l-Mulej – [24]meta neħodkom minn fost il-ġnus u
niġmagħkom mill-artijiet kollha, u nerġa' ndaħħalkom f'artkom.

[25]U nnroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom;
mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. [26]U nagħtikom qalb ġdida,
u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb
tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha. [27]U nqiegħed ruħi
ġo fikom, u nagħmel li timxu skond il-kmandamenti tiegħi, u li
żżommu l-preċetti tiegħi u tħarsuhom. [28]U tgħammru fl-art li tajt
lil missirijietkom, u intom tkunu l-poplu tiegħi u jiena nkun Alla
tagħkom."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 41 (42), 3.5bċd; 42 (43), 3.4

R/. (42, 2): Tixxennaq ruħi għalik, o Alla tiegħi!

3 Ruħi għatxana għal Alla,
għal Alla l-ħaj;
meta niġi u nara wiċċ Alla? R/.

5 Kif kont nimxi lejn it-tabernaklu tas-sebħ
sad-dar ta' Alla,
fost għajta ta' ferħ u ta' radd il-ħajr,
qalb folla ferħana. R/.

43,3 Ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek;
huma jmexxuni;
iwassluni sa l-għolja mqaddsa tiegħek
u sa l-għerejjex tiegħek. R/.

4 U nidħol ħdejn l-artal ta' Alla,
ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi.
U nroddlok ħajr biċ-ċetra,
o Alla, Alla tiegħi. R/.

*Jekk ser tiġi ċċelebrata magħmudija*

## Salm Responsorjali

Salm 50 (51), 12-13.14-15.18-19

R/. (12a): Oħloq fija qalb safja, o Alla

12 Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
13 La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

14 Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
15 Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin lejk jerġgħu lura. R/.

18 Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju;
noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
19 Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma;
qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla. R/.

# Epistola

*Kristu qam mill-imwiet biex ma jmutx aktar.*

Rum 6, 3-11

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, 3ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù,
tgħammidna fil-mewt tiegħu?

4Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu
kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier,
hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. 5Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu
f'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu
mill-mewt.

6Dan nafu: li l-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered
dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub.
7Min imut, jeħles mid-dnub.

8Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma'
Kristu. 9Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt
ma għadhiex taħkem fuqu. 10Hu li miet, miet darba għal dejjem
għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla. 11Hekk
ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub,
iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Wara l-Epistola kulħadd iqum bilwieqfa, u ċ-Ċelebrant jintona b'mod solenni għal tliet darbiet l-Hallelujah, dejjem jogħla fil-vuċi. Kull darba l-ġemgħa twieġeb warajh.*




## Salm Responsorjali

Salm 117 (118), 1-2.16ab-17.22-23

R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

[1]Faħħru lill-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!
[2]Ħa jgħidu wlied Iżrael:
«Għal dejjem it-tjieba tiegħu.» R/.

[16]Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa,
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.
[17]Ma mmutx, imma nibqa' ngħix,
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej. R/.

[22]Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka.
[23]Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa ta' l-għaġeb f'għajnejna. R/.

# Evanġelju

*Qam mill-Imwiet, u sejjer il-Galilija qabilkom.*

Mt 28, 1-10

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

1 Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija
ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar.

2 U ara, inħasset theżhiża kbira għax niżel anġlu tal-Mulej mis-sema,
u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bilqiegħda fuqha. 3 Id-dehra tiegħu
kienet bħal berqa; ilbiesu abjad bħas-silġ. 4 Bil-biża' tiegħu l-għassiesa
qabdithom rogħda u saru qishom mejtin.

5 Iżda l-anġlu qabad u qal lin-nisa: «Tibżgħu xejn intom għax jiena
naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. 6 M'huwiex hawn,
għaliex qam, kif kien qal. Ejjew araw il-post fejn kien qiegħed.
7 U morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu: "Qam mill-imwiet.
U araw, huwa sejjer il-Galilija qabilkom: tarawh hemmhekk."
Araw, għedthulkom.»

8 Dawk telqu malajr minn ħdejn il-qabar, kollhom biża' u ferħ kbir, u
marru jiġru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli tiegħu.

9 U ara, iltaqa' magħhom Ġesù u qalilhom: «Is-sliem għalikom.»
Huma resqu lejh, qabdulu riġlejh u nxteħtu quddiemu. 10 Imbagħad
Ġesù qalilhom: «Tibżgħu xejn; morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex
jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu